KLR 4/VI/2009

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministarattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2009 fil-17.00.

PEŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sinkdu Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Josef Schembri u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

1. Mozjonijiet f'isem il-membri

Mozzjoni numru 20 ġiet imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ u sekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Mozzjoni numru 20**

**Nitlob sabiex Triq Dun Pawl Micallef u Triq San Ġwann Bosco jerġgħu jiġu *one way* bħal ma kienu fil-bidu, dan għaliex bosta residenti reġgħu resqu l-problema li qed joħloq it-traffiku f'dan it-toroq. Meta tressaq dan is-suġġeriment il-Kunsill kien qabel unanimament pero' kien wara ftit xhur li d-deċiżjoni inbidlet.**

Il-membri qalbu ma din il-mozzjoni u li jintalab il-permess ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT). Dan minħabba l-fatt li f'dawn it-toroq tinħoloq konġestjoni peress li mhix wiesgħa biżżejjed biex tkun *two way* u jipparkjaw il-vetturi fuq iż-żewġ naħat. Barra minn hekk il-grawnd ta' l-Oratorju ma għadux jintuża bħala parkeġġ.

Mozzjoni numru 21 ġiet imressqa mill-kunsillier Debrincat u sekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Mozzjoni numru 21**

**Fit-22 ta' Marzu 2004 tressaqet mozzjoni li kienet tgħid hekk:- Permezz ta' din il-mozzjoni nipproponi li kemm jista' ikun malajr issir talba lil ADT biex isiru tlett *rumble strips* fi Triq Dr.A. Tabone kif indikat fil-pjanti mehmuza. Residenti ta' din it-triq, qed jilmentaw li karozzi li jkunu sejrin lejn jew ġejjin minn ta' Sannat , qed jinsaqu b' veloċita' eċċessiva bil- konsegwenza li qed ikun hemm ħafna ħabtiet ta' vetturi speċjalment minn min ikun ħiereg minn xi triq sekondarja.**

**Nipproponi li dawn isiru biex innaqqsu kemm jista’ ikun il-periklu qabel ma ssir xi disgrazzja fatali u jitajjar xi hadd.**

**Dawn ir-*rumble strips* għandhom isiru waħda fil-bidu tas-*central strip* kif tkun gej minn Pjazza San Franġisk, oħra qabel taqbad Triq Ġuże’ Ellul Mercer u oħra kif tasal ħdejn il-piċċ tal- boċċi. L-istess għandhom isiru n-nahha l-oħra tat-triq.**

**Din il-mozzjoni kienet għaddiet unanimament fil-laqgħa tas-26 ta’Marzu 2004 liema laqgħa ġġib numru KLR/27/1V/2004. Din l-istess mozzjoni wara kienet giet approvat ukoll mill-ADT.**

**Peress li din hija triq arterjali u taqa’ taħt il-Ministeru, illum qiegħed nerġa nressaq din il-mozzjoni għal-approvazzjoni tal-Kunsill u tal-ADT u biex jittiehdu l-passi neċessarji u jekk minn-naħħa tal-Ministeru jibqghu ma’ isirux dawn ir-*rumble strips* għandhom isiru mill-Kunsill.**

Il-membri qablu unanimament ma dan. Filfatt il-permess ta’ l-ADT kien inħareġ fl-14 ta’ Marzu 2005 u ntbgħatu diversi *reminders* lill-Ministeru għal Għawdex. Għaldaqsatant dan is-suġġeriment għandu jerġa jitqajjem mal-Minsiteru għal Għawdex.

Mozzjoni numru 22 ġie imressqa mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Schembri.

**Mozzjoni numru 22**

**Bil-preżenti jippremetti:**

**Illi ċ-Ċittadella tagħna hija ta' importanza storika, kulturali, turistika u ekonomika;**
**Illi l-uniku parti f'idejn il-Kunsill huwa l-foss ta' l-istess Ċittadella;**
**Illi dan huwa uniku, stante li huwa l-uniku foss rimanenti li huwa magħluq;**
**Illi dan ġie devolut lilna għal skopijiet rikreazzjonali;**
**Illi jinsab fi stat ta' abbandun inaċċettabli;**

**Għaldaqstant in vista tal-premess il-Kunsill Lokali:**

**Konxju mill-valur storiku tal-foss;**
**B'impenn lejn l-konservazzjoni tal-wirt storiku u kulturali ta' pajjiżna;**
**B'ħeġġa li jagħti ħajja ġdida liċ-Ċittadella;**

**Jiddeċiedi:**

**Illi jirriabilta dan il-foss;**
**Jiżviluppa dan il-foss f' żona rikreazzjonali;**
**Jagħlaq it-tiċrita li hemm f' dan il-foss b'mod permanenti;**
**Jitlob fondi mill-Unjoni Ewropea għar-riabilitazzjoni ta' l-istess zona.**

**U dan dejjem fl-interess suprem ta' Beltna.**

Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien applika biex dan il-foss isir parkeġġ u l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata. Sar l-appell u dan ukoll ma ġiex aċċettat, l-istess fil-fazi tar-rikonsiderazzjoni. Dan hu l-unika foss li għadu magħluq. Il-membri qablu li l-Kunsill jikkordina mal-Minsiteru għal Għawdex minħabba l-*Masterplan* taċ-Ċittadella.

**2. Pjazza San Ġorġ**

Inġibdet l-attenzjoni rigward it-traffiku li jidħol illegalment fi Pjazza San Ġorġ. Jekk il-problema tibqa' persistenti, il-Kunsill ser jikkunsidra li jpoġġi *cameras* li jkunu kkonttrollati manwalment. Il-membri qablu li ssir sorveljanza kemm mill-gwardjani lokali u kemm mill-pulizija. Il-membri ġew mgħarrfa li t-trukk tal-ġbir ta' l-iskart domestiku m'għadux jidħol fil-pjazza u l-ġbir qed isir bl-idejn. Dwar il-ħasil, il-membri qablu li dan isir anke' wara l-festa ta' Santa Marija. Qablu wkoll li ma jingħatax *sealer* qabel ix-xitwa minħabba l-fatt li l-parir tekniku hu li l-granit l-ewwel irid jissaffa wara x-xita.

**3. Pjazza Indipendenza**

Is-Sindku qajjem punt rigward il-problemi li qed jikkawżaw is-siġar ta' Pjazza Inidpendenza. Dawn huma ta' tip *ficus* li mhux protett bil-liġi. Proposta hi li dawn jinbidlu ma siġar bħal taż-żebbuġ jew tar-rand jew ohrajn imbasta indiġeni. Gie notat ukoll il-hsarat stutturali li qed jikkawzaw dawn is-sigar. Il-membri qablu li jintalab il-permess tal-MEPA. Jekk dan jiġi rifjutat l-alternattiva hi li s-siġar eżistenti jinżabru b'mod tajjeb u jitbaxxew. Hekk imbgħad ikunu jistgħu isriu *topiaries.* Sadanittant il-membri qablu li jintalb lid-Dipartiment ta' l-Agrikultura sabiex jingħata l-bexx kontra d-dud li qed imarrad lil dawn is-siġar.

Il-membri qablu li jsiru żewġ tabelli tad-*dead end* fil-bidu ta' Pjazza Indipendenza mal-ġenb tal-knisja ta' San Ġakbu.

**4. Banca Giuratale**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li sar ftehim mat-Taqsima tal-Kultura u mal-Minsitru għal Għawdex sabiex il-Kunsill tingħatalu kamra isfel minn tal-Banca. Dan sabiex il-Kunsill ikun aktar aċċessibbli. Il-membri qablu li l-Perit tal-Kunsill jagħmel ix-xogħol preparatorju sabiex l-uffiċini tal-Kunsill jiġu rranġati bl-aħjar mod u l-banca tinghata d-dinjita li jixirqilha.

**5. Uffiċċju – *upgrading* tal-kompjuters**

Is-Sindku ressaq il-propsota li jinbidlu l-kompjuters ta' l-uffiċċju. Dan minħabba l-fatt li l-eżistenti huma antiki u saru inadegwati. Dan minbarra l-fatt li fil-prezent is-sistema hija ta' pc's tajbin ghal uzu personali biss u li ma jifilhux is-sistemi mmarbuta mall-igvernar lokali. Il-membri qablu li jintalbu l-kwotazzjonijiet neċessarji.

**6. Monti**

Is-Seg. Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni rigward il-każ li qiegħed f'idejn l-Ombudsman li qed jistaqsi dettalji fuq kaxxi tal-monti li ġie rrappurtat li mhux jintramaw. Il-membri qablu li s-Sindku jara l-korrispondenza kollha u mbgħad ttitieħed deċiżjoni . Il-membri unanimament qablu li tiġi esplorata l-possibilita' ta' kif il-monti jista' jiġi mħaddem bl-aħjar mod possibli.

**7. *Youth Empowerment Centre* – Kunsill Lokali għaż-Żgħażagħ**

Billi l-ftehim li l-Kunsill kellu mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u ma' l-Oratorju Don Bosco għalaq, il-membri qablu li tinħareġ sejħa gaħll-applikazzjonijiet ġodda għal entitajiet jew *youth workers* li jistgħu ikunu nteressati li jieħdu ħsieb il-*Youth Empowerment Centre*.

Is-Sindku ssuġġerixxa li tintalab l-għajnuna tad-Dar Ġużeppa Debono sabiex ikunu jistgħu jisilfuna karma żgħira li għandhom fi Triq il-Kapuċċini. Din biex tintuża għal għanijiet soċjali, kif kien l-għan oriġinali għal dan il-post. Il-membri qablu.

Dwar il-Kunsill taż-Żgħażagħ, is-Sindku spjega li l-ħsieb tiegħu hu li primarjament dan jibda bħala *Youth Committee.* Ġie suġġerit li jipparteċipaw żgħażagħ Rabtin li huma David Borġ, Gerald Abela, Renzo Galea, Neville Galea, Andrea Saliba, Melanie Żammit, Ylenia Caruana u Luke Azzopardi. Dan il-*youth committee* jkun jsta' jipparteċipa f'diversi seminars barra minn Malta fosthom, *youth exchange* f'Valencia f'Diċembru li jmiss.

**8. Sotto-Kumitati**

Dwar il-kumitat taż-żgħażagħ sar il-qbil f'punt 7 hawn fuq. Sar qbil fuq il-kumitati li huma mniżżla hawn taħt.

Kumitat tal-finanzi:- Is-Sindku, il-Viċi Sindku, is-Seg. Eżekuttiva, l-*Accountant* tal-Kunsill u Nancy Grech li għandha esperjenza tax-xogħol fid-Dipartiment tat-Teżor.
Kumitat tal-proġetti u infrastrutturta:- Is-Sindku, il-Kunsillier Debrincat u l-Perit tal-Kunsill.
Kumitat tal-Kultura u wirt storiku:- Il-kunsillier Schembri, John Cremona, Marika Grech u Joe Camilleri.
Kumitat għall-azzjoni soċjali:- Il-kunsillier Dr. Portelli, Rosalie Scicluna.
Kumitat għall-Immaniġjar tat-traffiku:- Is-Sindku u l-kunsillier Buttiġieġ.
Kumitat għall-isport:- Il-kunsilliera Debrincat u Buttiġieġ.

Gie notat li dawn il-persuni għadhom ma ġewx ikkuntatjati kollha.

**9. Toroq ġodda Żona A**

Is-Sindku ressaq l-ilmenti ta' diversi residenti tat-toroq Viani, l-parti t'isfel ta' Triq Fortunato Mizzi u tal-Far. Il-probelma maġġuri hi li filgħdou kmieni f'dawn it-toroq qed jippparkjaw vetturi ta' ħaddiema li jaħdmu f'uffiċċini u stabbilimenti tal-viċin. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' l-ADT u jsiru *reminders* fuq it-toroq mitluba u li għad m'hemmx deċiżjoni fuqhom. Il-gwardjani lokali għandhom jiġu ordanti sabiex joħoġu citazzjonjiet fuq permessi ta' Żona A li m jkunux inħarġu mill-uffiċċju tal-Kunsill.

## 10. Victoria 2020

Is-Sindku propona li l-Kunsilliera jagħmlu l-proposti tagħhom rigward proġetti li jistgħu isiru mill-Kunsill sas-sena 2020. Dan sabiex jinħoloq pjan bażiku biex il-Kunsill ikun jista' jimxi fuqu. Il-Kunċett ta' Victoria 2020 jrid jinkorpora proġetti short-term li jistgħu isiru f'dan it-term preżenti u oħrajn long-term li jieħdu iktar fit-tul. Il-membri qablu li jista' jiġi stamapat fuljett u jintbagħat lir-residenti fejn tingħatalhom il-possiblita' li anke' huma jipproponu x'jista' jsri għal ġid tal-lokal.

## 11. ERY Network

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria ingħaqad fil-European Regions for Youth (ERY) Network. Victoria Għawdex ġiet formalment aċċettata bħala membru sħiħ ta' l-ERY Network li jfisser illi minn issa l-quddiem il-Belt Victoria u Għawdex ser ikunu parteċipi f'proġetti li jinvolvu ż-żgħażagħ u li jkunu iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea L-applikazzjoni saret mis-Sindku Dr Samuel Azzopardi li attenda l-aħħar laqgħa ġenerali annwali tal-ERY Network li bdiet nhar id-29 ta' Lulju 2009 f' Atlantic College ġewwa Wales. L-applikazzjoni ġiet formalment aċċettata waqt l-aħħar sessjoni tal-LĠA nhar il-31 ta' Lulju 2009.

L-ERY Network tikkonsisti f'reġjuni Ewropej bil-għan illi jiġu mfassla *policies* illi jiffacilitaw futur aħjar lil ġenerazzjonijiet ġodda fl-edukazzjoni, riċerka u proposti oħra konkreti. Din in-network bdiet fuq l-inizjattiva li kienet ittieħdet mir-reġjun ta' l-Emiglia Romagna fl-Italia u ħadet il-forma preżenti tagħha wara ftehim milħuq minn għaxar reġjuni f' Marzu ta' l-2006 li ltaqgħu Brussel u li huma: Aquitaine (Franza), Aragón (Spanja), Dolnyslask (Polonja), Emilglia-Romagna (Italia), Hessen (Germanja), Pays de la Loire (Franza), Generalitat Valenciana (Spanja), Västra Götaland (Svezja), Wales (Renju Unit), Wielkopolska (Polonja). Malta għal xi żmien kienet ikkunsidrata bħala membru assoċjat u rappżentanti tal-EUPA ġieli attendew laqgħat tan-*network.*

Il-membri urew apprezzament li s-Segretarju Parlamentari Clyde Puli kien ta' l-approvazzjoni tiegħu sabiex Malta tkun jista' tkun parteċipi f'din in-*network.*

## *12.* Marsovin *Wine Festival*

Il-Kunsill Lokali sab il-kontibut tal-Marsovin sabiex jiġi organiżżat *wine festival* fiċ-Ċttadella nhar is-Sibt 29 ta' Awwissu 2009. Ser jinħarġu kwotazzjonijiet għas-*sound*, dawl, *mobile toilets* u servizz ta' *mini bus* mill-parkeġġ il-kbir għaċ-Ċittadella. Il-

Minisertu għal Għawdex ser joffri l-għajnuna tiegħu lill-Kunsill. IL-Kunsill kellu jkun preżenti għall-konferenza stampa li għandha issir fis-18 ta’ Awwissu 2009 fil-Marsovin Wine Vaults.

## 13. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

13.1 il-Minsiteru għal Anzjani rigward il-Premju Anzjan tas-Sena 2009;
13.2 id-Direttorat għat-tgħalim tul il-Ħajja dwar il-korsijiet organiżżati;
13.3 il-MEPA dwar *stop notice* fuq *billboard* li hemm fi Pjazza J. F. Kennedy;
13.4 l-ADT fejn inħareġ il-permess biex isiru *double yellow lines* qrib garaxx ta’ 68, Triq Mattia Preti. Il-membri ġew mgħarrfa li saru l-*parking bays* fit-toroq Karlu Galea, Universitas, Forn il-Ġir u Mattia Preti;
13.5 il-Kap ta’ Santa Martha Day Centre fejn talab il-permess ta’ l-ADT sabiex jiġu riservati żewġ parkeġġi quddiem dan iċ-ċentru, mill-1 ta’ Ottubru sal-15 ta’ Ġunju bejn is-7.15 u l-16.00 u bejn is-16 ta’ Ġunju u t-30 ta’ Settembru bejn is-7.00 u s-13.00;
13.6 id-Dar Ġużeppa Debono sabiex il-Kunsill joħroġ permess għal attivita fi żPjazza Indipedenza nhar il-Ħadd 7 ta’ Fra 2010. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;
13.7 id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar:-
13.7.1 Memo 42 fuq għajnuna għall-attivtajiet kulturlai bejn l-2009 u l-2010. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika għal attivita’ ta’ l-ewwel tas-sena u attivita’ oħra li ssir fiċ-Ċittaldella fl-aħħar tas-sajf tas-sena 2010;
13.7.2 Memo 46 fuq il-ftuħ ta’ l-ufficċju amministrattivi tal-Kunsill kull nhar ta’ Sibt;
13.7.3 Memo 47 fuq inizjattiva għal Premju Lokaitajiet Indaf. Il-membri qablu li jipparteċipaw.

## 14 Materji oħra

Il-membri qablu li:-

14.1 l-Kunsill jitlob il-permess ta’ l-ADT sabiex jiġi riservat parkeġġ fit-Telgħa tal-Belt għat-Taqsima tal-Kultura;

14.2 jiġu nstallati *CCTV cameras* fi Pjazza San Franġisk, li jkunu sorveljati manwalment mid-Datarak. L-istima tal-Guard & Wardens hi ta’ €699 ta’ l-installazzjoni u spejjes ta’ €28.98 kuljum. Il-membri qablu li dawn isiru bi prova ta’ tlett xhur kif ippropna s-Sindku lill-Guard and Warden li aċċettaw;

14.3 jiġi suġġerit lill-ADT sabiex isiru *speed cameras* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II ħdejn in-niċċa ta’ San Ġużepp, Triq Repubblika quddiem il-Villa Rundle u fi Triq Sannat fil-qasam;

14.4 jiġi applikat biex isiru *rumble strips* fi Triq l-Assunta u Triq Pawlu Portelli;

14.5 tinġab stima sabiex jitranġa l-madum miksur ta’ quddiem 64 Triq San Ġorġ;

14.6 tinġab stima sabiex jiżdiedu l-gradi ta' l-ilqugħ ta' l-ilma tax-xita fi Triq l-Assunta;

14.7 jinbdea x-xogħol sabiex tiġi organiżżata l-attivita' ta' l-aħħar tas-sena;

14.8 jiġi organiżżat *week-end break* għar-residenti f'Malta f'Ottubru 2009;

14.9 jinġabu kwotazzjonijiet għal għaxar bankijiet.

14.10 Is-Sindku għarraf lil membri li:-

a) ltaqa' ma grupp ta' *girl guides* minn Nichelino li bħalissa qedgħin f'mawra f'Għawdex;
b) għandu l-ħsieb li jinbeda l-proċess sabiex isir ġemellaġġ ma Comacchio fl-Italia u anke' ma San Marino iktar –il quddiem. Il-membri qablu;
ċ) korrispondenza jew *emails* li jkunu dispreġjattivi kemm għall-Kunsill u kemm għas-Segretarja Eżekuttiva ma jiġux imressqa waqt il-laqgħa tal-Kunsill;
d) rappreżentanti tal-MEPA reġgħu għamlu presentazzjoni rigward il-proposta tal-pjan lokali għall-*area* tal-*palying field*, grawnd Leli Farruġia, *bus terminus* u l-parkeġġ il-kbir. Fost affrijiet oħra din il-porposta tinkludi li l-Qorti jiġi nkluż fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex, (il-parkeġġ iż-żgħir ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier).

Il-laqgħa spiċċat fid-21.15. Laqgħa oħra ser issir nhar il-11 ta' Settembru fil-5:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 11 a' Settembru 2009.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eekuttiva